

32006L0003

L 5/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

10.1.2006

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/3/KE**tad-9 ta' Jannar 2006****li temenda, għall-fini ta' l-addattament tagħhom għall-progress tekniku, l-Annessi I u II tad-Direttiva 96/74/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ismijiet tat-tessuti****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 96/74/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar ismijiet tat-tessuti¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 96/74/KE tippreskrivi regoli dwar l-ittikkettjar jew immarkar ta' prodotti fir-rigward tal-kontenut tagħhom ta' fibra tessili, biex ikun żgurat li l-interessi tal-konsumatur ikunu b'hekk imħarsa. Il-prodotti tessili jistgħu biss jitqiegħdu fis-suq fil-Komunità jekk ikunu jaqblu mad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.
- (2) Fid-dawl ta' sejbiet riċenti minn grupp ta' ħidma tekniku, hu meħtieġ, għall-fini ta' l-addattament tad-Direttiva 96/74/KE għall-progress tekniku, li l-fibra elastolefin tiżdied mal-lista ta' fibri stipulati fl-Annessi I u II ta' dik id-Direttiva.
- (3) Id-Direttiva 96/74/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.
- (4) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għad-Direttivi li għandhom x'jaqsmu ma' Ismijiet u Ttikkettjar ta' Tessuti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 96/74/KE hija emendata kif ġej

- (1) Fl-Anness I qiegħda tiżdied ir-ringiela 46:

¹ ĠU L 32, 3.2.1997, p. 38.

"46	Elastolefin	Fibra komposta minn ta' l-inqas 95% (massa) ta' makromolekuli parzjalment <i>cross-linked</i>, magħmula minn etilene u mill-inqas olefin ieħor u li, meta tinġibed sa darba u nofs it-tul oriġinali tagħha u tintelaq, tirkupra rapidament u sostanzjalment għat-tul inizjali tagħha
-----	-------------	---

(2) Fl-Anness II qiegħda tiddaħħal l-annotazzjoni 46:

"46	Elastolefin	1.50"
-----	-------------	-------

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji li jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux iżjed tard minn [...]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din mill-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif issir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 9 ta' Jannar 2006.

Għall-Kummissjoni

Günter VERHEUGEN
Viċi-President